

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tas-6 ta' Novembru 2008****li temenda d-Deċiżjoni 2002/613/KE dwar iċ-ċentri approvati għall-ġbir tas-semen tal-porċini fil-Kanada u fl-Istati Uniti***(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6473)***(Test b'relevanza għaż-ŻEE)***(2008/856/KE)*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet tas-semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-porċini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/613/KE tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni tas-semen ta' l-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-porċini ⁽²⁾ tistabilixxi lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tas-semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-porċini u lista ta' ċentri għall-ġbir tas-semen f'dawk il-pajjiżi terzi approvati għall-esportazzjoni ta' dan is-semen fil-Komunità.
- (2) Il-Kanada u l-Istati Uniti kienu talbu li jsiru ċerti emendi għal-lista ta' ċentri tal-ġbir ta' semen approvati mid-Deċiżjoni 2002/613/KE f'dak li jirrigwardja d-dħul għal dawn il-pajjiżi.

(3) Id-Deċiżjoni 2002/613/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri pprovduti għal din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V tad-Deċiżjoni 2002/613/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni
 Androulla VASSILIOU
 Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62.⁽²⁾ ĠU L 196, 25.7.2002, p. 45.

ANNEX

L-Anness V għad-Deċiżjoni Nru 2002/613/KE jiġi emendat kif ġej:

1) id-daħliet li ġejjin li jikkonċernaw lill-Kanada huma mneħħija:

CA	4-AI-05	Centre d'insémination génétiporc 77 rang des Bois-Francis sud Sainte-Christine-de-Port-neuf, Québec
CA	4-AI-05	CIA des Castors 317 Rang Ile aux Castors Ile Dupas Québec J0K 2P0
CA	5-AI-05	Ontario Swine Improvement Inc P.O. Box 400 Innerkip, Ontario
CA	6-AI-05	Costwold Western Kanada Ltd 17 Speers Road Winnipeg, Manitoba Location SW 27-18-2 EPM

2) id-daħliet li ġejjin li jikkonċernaw lill-Istati Uniti huma mneħħija:

US	94OK001	Pig Improvement Company – Oklahoma Boar Stud Rt. 1, 121 N Main St. Hennessey, OK
US	95IL001	United Swine Genetics RR # 2 Roanoke, IL
US	96AI002	International Boar Semen 30355 260th St. Eldora IA 50627
US	96AI002	Pig Improvement Company – Wisconsin Aid Stud Route # 2 Spring Green, WI